MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 865/2014

**Philip Camilleri K.I:237657(M)]**

**Mary Grace Zammit [K.I.867849(M)] Joseph Camilleri [K.I.533848(M)] Joseph Zammit *[K.I.7***55648(M)] **bhala mandatarju specjali tal-assenti Diana Pamford**

vs

**Mary Rose Attard [K.I:204363(M)]**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Philip Camilleri [K.I.237657 **(M)], Mary Grace Zammit [K.I. 867849(M)], Joseph Camilleri [K.I. 533848(M)], Joseph Zammit [K.I.** 755648(M)] **bhala mandatarju specjali tal-assenti Diana Pamford** datat 3 ta' Ottubru 2014 fejn bil-gurament tieghu Joseph Zammit (K.I. 755648(M)) jikkonferma li segwenti fatti jafhom personalment:

Illi l-kontendenti kif ukoll Emanuela Portelli u Anthony Camilleri huma kollha wlied id-defunta Catherine Camilleri, bint il-mejtin Vincent Farrugia u Maria Concetta nee' Farrugia, armla ta' Carmelo Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita numru 144528(M) li mietet nhar il-25 ta' Frar tal-2010;

Illi l-eredita` ta' Catherine Camilleri hija regolata bi tliet testmenti.

A. Testment *Unica Charta* in atti Nutar Dott. Carmel Gafa` tas-6 ta' Ottubru 1999.

B. Testment Pubbliku in atti Nutar Dott. Maria Briffa tal-31 ta' Lulju 2007.

C. Testment Pubbliku in atti Nutar Dott. Mark Briffa tat-13 ta' Mejju 2008.

Illi minn dawn it-testmenti jirrizulta li l-eredi tal-imsemmija Catherine Camilleri huma l-ulied kollha tal-istess Catherine Camilleri izda l-intimata Mary Rose Attard kif ukoll zewgha u uliedha thallew ukoll bhala legatarji.

Illi l-intimata Mary Rose Attard, approprijat ruhha minn assi tal-massa ereditarja tad-*decuius* Catherine Camilleri u qieghda tokkupa proprjeta` immobli ta' l-istess massa ereditarja.

Illi rikorrenti ghandhom biza' fondata li ghalkemm *qua* eredi huma intitolati ghas-sehem lilhom mill-massa ereditarja, id-dispozizzjonijiet testamentarji ta' ommhom ghal dak li jirrigwarda l-legati mhollija, jeccedu dak li setghet tiddisponi minnu *decuius*.

Illi r-rikorrenti nterpellaw lill-intimata permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju 2013 u ittra legali tal-21 ta' Ottubru 2013 sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi ereditarji ta' ommhom Catherine Camilleri, izda l-intimata baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lill-partijiet kollha flimkien ma' Emanuela Portelli u Anthony Camilleri, eredi tad-*decuius* Catherine Camilleri fi kwoti ndaqs bejniethom.

2. Tiddetermina okkorrendo bl-assistenza ta' periti nominandi l-konsistenza tal-massa ereditarja tal-istess Catherine Camilleri.

3. Tillikwida okkorrendo bl-assistenza ta' periti nominandi s-sehem riservat lil kull wiehed mill-eredi ta' Catherine Camilleri.

4. Tordna r-riduzzjoni tal-legati mhollija mill-istess *decuius* f'kaz li l-massa ereditarja ma tkunx bizzejjed sabiex jinghata lil kull eredi s-sehem riservat lilu skont il-ligi.

5. Tfassal pjan ta' qasma tal-eredita` tad-*decuius* Catherine Camilleri.

6. Tordna d-divizjoni tal-eredita` ta' Catherine Camilleri skont il-pjan hekk imfassal.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2013 u tal-ittra legali tal-21 ta' Ottubru 2013 u bl-imghax dekorribli skont il-ligi kontra l-intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

B'rizerza ta' kull azzjoni ulterjuri, spettanti lir-rikorrenti fil-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Novembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mary Rose Attard detentrici tal-karta tal-identita` numru 204363M datata 18 ta' Novembru 2014 (fol 26) fejn esponiet: -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi d-*decuius* agixxiet fil-parametri li tikkoncedilha l-ligi u bl-ebda mod ma cahdet lil xi hadd mill-eredi mid-drittijiet necessarji tieghu.

Salv difizi ulterjuri.

Rat it-talba rikonvenzjonali ta' Mary Rose Attard detentrici tal-karta tal-identita` numru 204363M datata 18 ta' Novembru 2014 (fol 27) fejn esponiet: -

1. Illi l-esponenti qieghda tezercita d-dritt moghti lilha mill-ligi *a tenur* tal-artikolu 398(3) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta sabiex tintavola din it-talba rikonvenzjonali.

2. Illi ghal snin twal, ir-rikonvenzjonanta rrendiet servizzi u pprestat servigi lid-*decuius*, ommha Catherine Camilleri li mietet nhar il-25 ta' Frar 2010.

3. Illi sabiex ir-rikonvenzjonanta tiehu hsieb u ddur bl-istess ommha hija qatt ma setghet tillarga mid-dar sew bhala hrug kif wkoll bhala safar.

4. Illi ommha dan kollu dejjem irrikonoxxietu u dejjem weghditha li ser ittiha xi forma ta' kumpens.

5. Illi *in vista* ta' din il-weghda r-rikorrenti qatt ma thallset jew giet mghotija xi forma ta' kumpens ghas-servigi prestati u servizzi rezi u qatt ma thallset ghall-ispejjez li ghamlet.

Jghidu ghalhekk ir-rikonvenzjonati, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

(i) Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikonvenzjonanta prestat servigi lid-defunta Catherine Camilleri u ghalhekk hija ntitolata ghall-kumpens li ghandu jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti.

(ii) Tikkundanna lir-rikorrenti ihallsu lir-rikonvenzjonanta l-ammont hekk likwidat.

Rat ir-risposta mahlufa ta' Philip Camilleri [K.I. 237657(M)], Mary Grace Zammit [K.I. 867849(M)], Joseph Camilleri [K.I. 533848(M)], Joseph Zammit [K.I. 755648(M)] bhala mandatarju specjali tal-assenti Diana Pamford ghal kontro-talba mressqa minn Mary Rose Attard [ K.I. 204363(M)] nhar id-19 ta' Novembru 2014, datata 5 ta’ Dicembru 2014 a fol 30 tal-process fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu Joseph Zammit (K.I. 755648(M)) ikkonferma li s-segwenti fatti jafhom personalment:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni rikonvenzjonali mressqa minn Mary Rose Attard hija nulla in kwantu r-risposta taghha ghar-rikors guramentat mressaq mill-esponenti hija nulla ghaliex ma tissodisfax ir-rekwiziti *ad validitatem* stipulati mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u *per consequenza* ghandha tigi dikjarata fi stat ta' kontumacja u kwindi l-azzjoni rikonvenzjonali taghha hija nulla in kwantu l-ezistenza u s-sussistenza taghha tiddependi necessarjament fuq il-fatt li tkun ipprezentat att validu sabiex tilqa' ghat-talbiet mressqa fil-konfront taghha fir-rikors guramentat promotur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni rikonvenzjonali mressqa minn Mary Rose Attard hija nulla in kwantu ma gietx intavolata kontestwalment mar-risposta mahlufa ta' l-istess Mary Rose Attard ghar-rikors guramentat ipprezentat mill-esponenti fil-konfront taghha *stante* li kif jidher mill-atti li gew notifikati lill-esponenti waqt li r-risposta guramentata giet pprezentata nhar it-18 ta' Novembru 2014, it-talba rikonvenzjonali giet pprezentata l-ghada d-19 ta' Novembru 2014;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet rikonvenzjonali ta' Mary Rose Attard huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li dawn it-talbiet huma minghajr fondament guridiku u fattwali u intizi biss biex jilqghu ghat-talba ta' l-esponenti li tithallas lilhom l-legittima spettanti lilhom fil-ligi ghaliex mhux biss Mary Rose Attard, ma rrendietx servigi lid-defunta Catherine Camilleri izda kif ser jigi ppruvat bhala prokuratrici ta' ommha hija approprijat hwejjeg ommha sabiex thallas ghal debiti konsiderevoli li hija ghandha u qatt ma tat rendikont ta' l-amministrazzjoni mwettqa minnha ta' hwejjeg ommha;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, qatt qabel din it-talba rikonvenzjonali, Mary Rose Attard ivvantat dawn il-pretensjonijiet taghha ghaliex taf ben tajjeb li ma jezistux l-elementi necessarji sabiex tirnexxi t-talba taghha u *dato ma non concesso* li rrendiet xi servigi, tenut kont li d-*decuius* giet nieqsa fil-25 ta' Frar 2010, il-parti l-kbira tat-talba taghha hija llum preskritta *ai fini* u l-effetti kollha tal-ligi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta inkluz dak tat-23 ta’ April 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Joseph Zammit assisit minn Dr Franco Galea, u Dr Josephine Farrugia Mifsud ghall-konvenuta. Dehret l-Assistent Registratur Eunice Grech Fiorini li bil-gurament taghha esebiet ricevuta tal-prezentata tar-risposta guramentata u kkonfermat li l-kontro-talba kienet ipprezentata flimkien ma’ din ir-risposta. Spjegat li t-timbru tar-Registru saret fuq l-ewwel pagna tar-risposta izda bi zball it-timbru tal-kopja harget f’data differenti. Dr. Galea ddikjara li fid-dawl ta' din ix-xhieda formalment ghan-nom tar-rikorrenti rtira dik il-parti tal-eccezzjoni tieghu li kienet tirreferi ghal fatt li r-risposta u l-kontro-talba ma kienux gew ipprezentati kontestwalment. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-sentenza *in parte* ghall-25 ta' Gunju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija sentenza *in parte* dwar l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonati ta' nullita' tar-Risposta Guramentata, u kwindi n-nullita' tat-Talba Rikonvenzjonali, u dan wara li l-istess rikorrenti kienu rtiraw it-tieni eccezzjoni taghhom li kienet tirreferi ghall-fatt li r-risposta u l-kontro-talba ma kienux gewipprezentati kontestwalment.

Ikkonsidrat li bl-azzjoni odjerna, r-rikorrenti qed jitolbu l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-eredita' ta' ommhom Catherine Camilleri li hija wkoll omm l-intimata. L-intimata da parti taghha, fir-Risposta Guramentata indirizzat aspett wiehed biss tar-rikors promotur, senjatament fejn qed jigi premess li hija approprjat ruhha mill-massa ereditarja. Hija wkoll ipprezentat Kontro-Talba ghas-servigi rezi minnha lid-decujus.

**<u>Trattazzjoni</u>**

Id-difensur tar-rikorrenti spjega li r-Risposta Guramentata ma tissoddisfax ir-rekwiziti stipulati *ad validitatem* skont l-artiklu **158 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan ghaliex hija monka mid-dikjarazzjoni tal-fatti.Isegwi inesorabbilment li jekk ir-risposta hija nulla l-konvenuta hija kontumaci u l-Kontro Talba taghha hija wkoll nulla.

**<u>Nullita' Tar-Risposta Guramentata</u>**

Illi l-artiklu **158 (3) tal-Kap.12** jiddisponi hekk:

"*Jekk dan ma jkunx il-kaz ghandu jipprezenta risposta guramentata li jkun fiha:*

*(a) dawk l-eccezzjonijiet li jitqiesu rinunzjati jekk ma jingiebux fil-bidu tad-difiza;*

*(b) stqarrija cara u korretta tal-eccezzjonijiet fuq il-mertu tat-talba jew tat-talbiet minghajr riferenza ghal awtoritajiet;*

*(c) il-konvenut, jew wiehed mill-konvenuti jekk ikun hemm aktar minn wiehed, ghandu wkoll jiddikjara bil-gurament fir-risposta guramentata b'paragrafi numerati, il-fatti kollha dwar it-talba, fejn jichad, jammetti jew jispjega c-cirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attur, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment."*

Dan l-artiklu ghandu jinqara flimkien mal-**artiklu 789(1) tal-Kap.12** fejn il-legislatur jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista' jigi dikjarat null.

*Ai termini* ta' dan l-artiklu :

*(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll*

*jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità".*

Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta' nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` *o meno*. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** fl-1995 kienu intizi, *inter alia,* proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta' eccezzjonijiet.

Il-kaz odjern jaqa' fil-parametri tas-subincizi (c) u (d) succitati u ghalhekk japplika il-*proviso* ghall-artikolu 789(1).

Illi bil-*proviso* imsemmi, l-legislatur qed jaghmel riferenza ghall-artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. **L-Art. 175(1) tal-Kap.12** jaqra hekk: –

"*Il-qorti* ***tista`****, f`kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta` wahda mill-partijiet, wara li tisma`meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta` wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza ."*

Illi fl-ewwel lok jinghad li llum hija gurisprudenza stabbilita' li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi.

Illi fil-kuntest tal-azzjoni promotrici, inghad li biex "*citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx deficjenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu u sabiex dan isir tali citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha"* (**Guillaumier Industries Ltd vs Reginald Fava et** – *deciza fit-28 ta' Ottubru, 1998 (Cit. Nru. 831/97RCP).*

Illi *inoltre*, skont is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***"*****Michael Attard nomine vs Raymond Galea"** deciza

fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi *"bhala regola, skont il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz"* u *"kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza"* (**"Aquilina vs Cassar"** – Vol. LXXVI.iv.666).

Illi l-emendi li saru fil-ligi bl-**Att XXIV tal-1995**, huma mmirati proprju ghalhekk, ghaliex huwa bl-istess tibdil ovvju li l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalment biss b'decizjoni fuq il-punt sostantiv tal-kawza, u dak huwa dak li fil-verita' l-partijiet ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u bl-izjed mod spedjattiv ghall-konferma tieghu, u dan *entro* l-limiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abbuzat.

Illi ghalhekk l-ebda principju ta' gustizzja ma ghandu jhalli id-dritt procedurali jiehu s-sopravent fuq id-dritt sostantiv, b'mod li l-formalizmu bil-mod estrem tieghu jiddetta l-effettiva ezekuzzjoni u implimentazzjoni tal-gustizzja skont il-ligi (*vide* **"Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et"** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1999 (P.A. (RCP) Cit. Nru. 1998/97).

Illi hawn issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Dottor Henry Vassallo vs Onor. Prim Ministru et"** (P.A.Kost. (JRM) 9 ta' Ottubru 1991. Rikors Numru 6/01/JRM) fejn inghad:

*"Illi kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn*

*nullita' mtella' taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur ta' forma preskritta (**"Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri"** – P.A. (C.S) 4 ta' Novembru 1988)".*

**Ikkonsidrat** li l-kaz odjern jirreferi ghall-mankanza in assoluta tad-dikjarazzjoni tal-fatti li hija formalita' essenzjali rikjesta mill-legislatur taghna bl-artikolu **158(3) (c) tal-Kap.12.** Dan jirrizulta b'mod l-aktar lampanti minn ezami tar-Risposta Guramentata (fol.26 tal-process) fejn l-intimata tat eccezzjoni wahda u lista tax-xhieda. Dak rikjest bl-artikolu 158(3)(c) huwa nieqes ghal kollox.

Illi l-Qorti hija konxja tal-principji abbraccjati mill-Qrati taghna kif fuq enuncjati immirati lejn it-temperament tar-rigorozita' fil-formalizmu u lejn gustizzja sostantiva. Madanakollu din il-Qorti hi tal-fehma li l-legislatur taghna, u anke l-Qrati taghna, dejjem ghamlu distinzjoni bejn l-irritwalita' ossia irregolarita' ta' forma, u n-nullita' tal-att u fil-kaz tal-ahhar, dwar jekk dan jistax jigi sanat fil-limiti tal-procedura.

Harsa lejn gurisprudenza li ttrattat kazijiet simili (ghalkemm mhux identici) tista' sservi biex tixhet aktar dawl fuq il-kaz odjern.

Kaz simili kien ikkonsidrat minn din il-Qorti kif ippresjeduta mill-On.Imh. J.Caruana Colombo fis-26 ta' April 1951 fl-ismijiet **Antonia Mizzi v Stanley Chapman et.** F'dak il-kaz il-konvenuti pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet flimkien ma' dikjarazzjoni tal-fatti. F'dak il-kaz il-mankanza kienet tikkonsisti mhux fil-mankanza ta' dikjarazzjoni *per se* imma filli l-konvenuti ma gabux il-fattijiet li fuqhom kienu qed jibbazaw l-

opposizzjoni taghhom. Il-Qorti hemm ikkonsidrat li l-ligi hija cara meta tirrikjedi li "*d-dikjarazzjoni migjuba man-nota tal-eccezzjonijiet ikun fiha migjubin cari u haga b'haga l-fatti li fuqhom issir il-bazi ghall-opposizzjoni tat-talba."* Il-Qorti kkonsidrat li l-iskop ghall-imposizzjoni ta' dan il-kwezit bl-ammendi tas-snin 1934 u 1935 kien sabiex il-Qorti jkollha quddiemha, qabel it-trattazzjoni tal-kawza, il-kwistjonijiet kollha, kemm min-naha tal-attur, kif ukoll min-naha tal-konvenut, sabiex il-kawza tista' tigi trattata u deciza. (***Vide* Kollezz XXIX.I.511** ccitat mill-Qorti**).** Il-Qorti kkonsidrat li jekk id-dikjarazzjoni tkun nulla, allura anke n-nota tal-eccezzjonijiet titqies li hija nulla, peress li huma haga wahda, bil-konsegwenza li l-konvenuti jaqghu fil-kontumacja.

Madanakollu l-Qorti kkonkludiet li f'dak il-kaz il-konvenuti ppresentaw dikjarazzjoni tal-fatti u l-fatt li ma uniformawx ruhhom ghal kollox mad-dettam tal-ligi twassal ghal irregolarita' sanabbli izda mhux ghan-nullita'.

Fil-kaz fl-ismijiet **Antonio Polidano v Maria Rosaria Gauci *et.* (**Qorti tal-Appell - per On.Imh.Sir Anthony Mamo C.J., - 15 ta' Frar 1963) gie deciz li l-mankanza tad-dikjarazzjoni tal-fatti man-nota tal-eccezzjonijiet iwassal sabiex il-konvenut jitqies kontumaci sakemm ma jissoddisfax lill-Qorti li kellu raguni biex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

F'dan is-sens ukoll huwa l-artikolu **158 (10) tal-Kap 12** li jiddisponi li l-konvenut jitqies li hu kontumaci jekk jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'liema kaz il- Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza *"bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata."*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kaz odjern jikkoncerna mankanza radikali ta' forma fir-risposta guramentata. Mhix semplicement kwistjoni ta' dikjarazzjoni *in parte*, jew l-assenza ta' enumerazzjoni fil-paragrafi tad-dikjarazzjoni, jew anke nuqqas ta' akkuratezza jew kjarezza fid-dikjarazzjoni, imma ta' inezistenza assoluta tad-dikjarazzjoni. Din mhix sanabbli altrimenti l-artikolu 158(3)(c) jigi newtralizzat ghal kollox. Inoltre ma jkunx hemm lok ghal dak dispost fl-artikolu 158(10) tal-Kap 12 li jikkontempla l-istat kontumacjali fejn ir-risposta guramentata imsemmija ma tigix ipprezentata. Hawnhekk il-Qorti tqis li d-dikjarazzjoni hija parti integrali mir-risposta guramentata.

Ir-risposta guramentata tal-intimata ghaldaqstant ghandha titqies li hija nulla minhabba r-ragunijiet fuq spjegati u konsegwentement titqies nulla anke t-talba rikonvenzjonali in kwantu li din necessarjament tiddependi fuq risposta valida sabiex tirnexxi. Bhala konsegwenza ta' dan l-intimata ghandha titqies li hija kontumaci  skond il-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tilqa' l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonati u tiddikjara r-Risposta Guramentata u l-Kontro-Talba nulli u bla effett .

Tiddikjara ghalhekk li l-intimata hija kontumaci salv dejjem il-possibilita' riseravata lill-intimata li tiggiustifika l-kontumacja billi ggib il-quddiem raguni tajba għas-sodisfazzjon tal-Qorti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **Tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tar-Rikorrenti rikonvenzjonati u tiddikjara li r-Risposta Guramentata imressqa mill-intimata ghar-rikors guramentat kif ukoll it-Talba rikonvenzjonali taghha huma nulli u bla effett.

**Tiddikjara li l-intimata hija kontumaci u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez jithallsu mill-intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------